31 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Brincat *versus* Carmela Brincat

**Separazzjoni Personali — Alimenti — Adulterju — — Dekadenza — Awtorizzazzjoni tas-Sekond-Awla — Prova — Eċċezzjoni Dilatorja — Ċitazzjoni — Nullità — Art. 60 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 729 u 729 (2) tal-Proċedura Ċivili.**

*Eċċezzjoni fis-sens li talbu tar-raġel għad-dekadenza ta' martu mid-dritt tal-alimenti ġu kanonizzati favur tagħha b'sentenza ma tissussistix weħedha, imma tista' tiġi ntentata biss bħala effett u f'kawża ta' separazzjoni personali, hija eċċezzjoni dilatorja; u għalhekk għandha tiġi mogħtija fil-bidu tad-difiża. Diversament, billi dik l-eċċezzjoni hija riferibbli għal nullità relattiva,*

*u mhux ta' ordni publiku, dik l-eċċezzjoni għandha titqies bħala rinunzjata.*

*Barra minn dan, l-irritwalità taċ-ċitazzjoni tammonta għan-nullità tal-istess ċitazzjoni, mħabba li ma ġietx osservata l-forma meħtieġa; u dik l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa meta ma jiġix provat li l-konvenut li jissollevaha sofra preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi ċ-ċitazzjoni tiġi annullata. U ladarba l-konvenut ma jkunx qanqal dik l-eċċezzjoni, anzi jkun għadda għal atti suċċessivi, u jkun ħalla lill-attur jagħmel ukoll atti oħra u jeżawrixxi l-parti tiegħu, dik l-eċċezzjoni mhix aktar ammissibbli.*

*Il-proċedura preliminari quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, għall-otteniment tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tiġi intentata kawża ta' separazzjoni personali, mhix indispensabbli meta l-konjuġi jkunu ġa legalment separati.*

*Jekk ir-raġel legalment separat minn martu jaġixxi għad-dekadenza tagħha mid-dritt għall-alimenti kanonizzati favur tagħha fil-kawża preċedenti tas-separazzjoni personali, u dan fuq il-motiv li l-mara tkun ikkommettiet adulterju wara dik is-sentenza, mhix sostenibbli l-eċċezzjoni tal-mara li hu ma għandux dritt jaġixxi kontra tagħha għax hu ġa kien ikkommetta adulterju li minħabba fih hija kienet ġiet awtorizzata tgħix separata minnu, jekk ebda prova ma ssir li huwa kien ittollera jew iffavorixxa l-adulterju ta' martu.*

*Għad li hu veru li għall-adulterju, anki f'materja ċivili, hemm bżonn li jkun hemm il-konġunġiment korporali, il-prova ta' dan mhux meħtieġ li tkun okulari; imma tista' tiġi deżunta anki minn konġetturi, purchè jkunu gravi, preċiżi u konkludenti.*

*Fl-applikazzjoni tad-dekadenza mid-drittijiet, il-Qorti għandha tara kienx hemm ħtija anki ta' min jitlob dawk id-dekadenzi.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, peress li b'sentenza ta' dina l-Qorti mogħtija fl-20 ta' Marzu, 1951, fl-ismijiet inversi, li għaliha l-attur jagħmel ampja riferenza, kienet ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-ħtija ta' l-attur, u għalhekk l-attur ġie kundannat iħallas £2.10.0, fil-ġimgħa bil-quddiem bħala alimenti lill-konvenuta u lill-uliedha minuri Alfred u Vincenza, peress li din il-Qorti affidat il-kura ta' dawn il-minu-

*ri f'idejn* il-konvenuta; peress li l-attur il-lum sar jaf li l-konvenuta qegħdha tgħix ma' raġel ieħor, bi skandlu kbir għal dawn it-tfal minuri; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, (1) jiġi deċiż minn din l-Onorabbli Qorti illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li hija għandha għall-manteniment tagħha kontra żewġha l-attur minħabba din il-ħajja ħażina tagħha, u għalhekk l-attur għandu jiġi eżonerat mill-obbligu hekk impost fuqu bl-imsemmija sentenza li jissomministra l-manteniment lill-konvenuta, u (2) l-imsemmija tfal minuri komuni Alfredo u Vincenza aħwa Brincat jiġu meħuda minn taħt il-kura tal-konvenuta u kollokati f'istitut jew fi kwalunkwe post ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq li għandhom jitqegħdu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta, fl-imsemmija nota tagħha (fol. 135), eċċepiet illi t-talba għad-dekadenza mid-dritt ta' l-alimenti bejn il-miżżewġin ma tissussistix weħedha, imma tista' tiġi ntentata biss bħala effett u f'kawża ta' separazzjoni personali, u għalhekk talbet li tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; fit-trattazzjoni orali, li saret fl-istess ġurnata li fiha ġiet preżentata l-imsemmija nota, id-difensur ta' l-attur issottometta illi l-eċċezzjoni hija serotina, u, billi ma ġietx sollevata "in limine litis", mhix aktar attendibbli;

Illi, dwar dina l-eċċezzjoni, il-Qorti tirrileva illi indubbjament si tratta ta' eċċezzjoni dilatorja, li skond l-art. 729 (Proċ. Ċiv.) kellha tiġi mogħtija fil-bidu tad-difiża — ħaġa li ma saretx, għaliex l-eċċezzjoni ġiet opposta fl-aħħar udjenza, meta l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Dan l-atteġġjament tal-konvenuta jfisser rinunzja għall-eċċezzjoni, peress li hija riferibbli għal nullità relattiva u mhux ta' ordni pubbliku. Di più, dina l-irritwalità taċ-ċitazzjoni tammonta għan-nullità ta' l-istess ċitazzjoni, minħabba li ma ġietx osservata l-forma meħtieġa; u f'dan il-każ l-eċċezzjoni ma tistax tkun milqugħa, għaliex il-konvenuta ma wrietx li dina l-vjolazzjoni ġiebitilha preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi ċ-ċitazzjoni tiġi annullata; anzi,

anki fil-kawża kif proposta, il-konvenuta ġiebet il-provi kollha li kienet tista' ġġib kieku l-kawża kellha bħala oġġett is-separazzjoni personali; u ladarba l-konvenuta, mingħajr ma qanqlet l-eċċezzjoni, għaddiet għal atti suċċessivi, u ħalliet ukoll lill-attur li jagħmel ukoll atti oħra u jeżawrixxi l-parti tiegħu, dina l-eċċezzjoni mhix aktar ammissibbli (art. 792(2) Pro. Ċiv.). Dina hija wkoll l-interpretazzjoni tal-Qrati Tagħna (Kollez. XII, 57; XXVI-I sez. 2da, 208; XXIX-I-1077, u il-1009; XXXI-i-337; XXXII-II-418);

Lanqas jista' jingħad li, minħabba li ma ntalbetx is-separazzjoni personali, il-konvenuta tilfet il-benefiċċju mogħti fl-art. 44 (Kod. Ċiv.), li ċjoè fuq rakkomandazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja kienet tista' tissewwa ma' żewġha; għaliex il-proċedura preliminari quddiem dik il-Qorti ma tibqgħax indispensabbli meta l-konjuġi jkunu ġa legalment separati, kif inhu l-każ tal-kontendenti (ara P.A. "Gauci utrinque", 27 ta' Ġunju, 1952);

Għaldaqstant l-eċċepita irritwalità tal-ġudizzju mhix sostenibbli;

Illi, dejjem fin-nota tagħha fol. 135, il-konvenuta eċċepiet fl-attur "carenza d'azione", billi huwa ġa kkommetta adulterju, li minħabba fih il-konvenuta ġiet awtorizzata tgħix separata minnu b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu 1951. Anki dina l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi, ladarba ebda prova ma nġiebet illi l-attur ittollera jew iffavorixxa l-adulterju ta' martu; u għalhekk mhux applikabbli l-prinċipju "nemo in foro auditur turpitudinem allegans", applikat f'każ ta' separazzjoni personali mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Vella utrinque" (Kollez. Vol. XXV-I-600);

Illi, fill-meritu, il-konvenuta tinnega illi hija kienet tgħix ma' raġel ieħor, kif lilha attribwit mill-attur fiċ-ċitazzjoni. Hija tippretendi li lil dak ir-raġel, jiġifieri Giuseppe Ciantar, hija kienet tkellmu mingħajr skop ħażin, u biss meta tiltaqa' miegħu fit-triq. Iżda din il-versjoni tal-konvenuta tinsab kontradetta mill-provi. Difatti rriżulta ..........;

Illi, għad li hu veru li għall-adulterju, anki f'materja ċivili, hemm bżonn li jkun hemm il-konġunġiment korporali, iżda l-prova ta' dan mhux meħtieġ li tkun okulari, u tista'

tiġi deżunta anki minn konġetturi, purke' gravi, preċiżi u konkludenti. Issa, fil-fehma tal-Qorti, iċ-ċirkustanzi li rriżultaw, eżaminati fid-dawl tal-esperjenza tad-dinja, iwasslu għall-persważjoni li adulterju kien hemm .........;

Illi huwa veru illi f'applikazzjoni tad-dekadenzi mid-drittijiet il-Qorti għandha tara kienx hemm ħtija anki ta' ... jitlobhom (art.60 Kod. Ċiv.); iżda, wara li eżaminat il-... kollha riżultati, il-Qorti jidhrilha li l-konvenuta ma għandha ebda attenwanti favur tagħha; difatti, għad li l-attur kien u għadu ma' mara oħra, ma rriżultax illi, bl-egħ-...il tiegħu, induċa jew għen lill-konvenuta tikkommetti adulterju. Huwa baqa' jagħtiha l-manteniment li ordnatlu l-Qorti, u, safejn jidher, qatt ma naqas mill-provvedimenti mogħtija fis-sentenza tas-separazzjoni provokata mill-istess konvenuta. Konsegwentement dina għandha ssofri wkoll il-dekadenza mid-drittijiet tagħha, jiġifieri dawk speċifikati fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-irritwalità tal-ġudizzju u tal-"carenza d'azione", opposti mill-konvenuta;

U tilqa' t-talbiet tal-attur; u għall-fini tat-tieni talba tordna illi t-tifla Vincenza Brincat tibqa' fl-Istitut Adelaide Cini, u t-tifel Alfred Brincat jibqa' taħt il-kura u kustodja ta' nanntu Maria Brincat; b'dan li l-konvenuta jkollha d-dritt li tara lil dawn uliedha, kwantu għal Vincenza skond ir-regolamenti ta' l-Istitut, u kwantu għal Alfred taħt il-modalitajiet preskritti fid-digriet tat-30 ta' April 1953 (fol. 82 tergo proċess);

L-ispejjeż jitħallsu kollha milll-konvenuta.